// UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*29 ta' Lulju, 2009*

86/2009

## Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ f'laqgħa ta' kortesija ma' l-E.T. Dr. George Abela, President ta' Malta

Delegazzjoni mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ) immexxija minn Fr. Savio Vella sdb (id-Delegat ta' l-Arċisqof għaż-Żgħażagħ), u żgħażagħ minn ghaqdiet affiljati kienu preżenti f'laqgħa uffiċjali ma' l-E. T. Il-President ta' Malta Dr. George Abela, il-bieraħ, 28 ta' Lulju 2009, fejn ippreżentawlu memorandum dwar l-aspirazzjonijiet tagħhom fuq iż-*Żwieġ u l-Familja*.

Iż-żgħażagħ qasmu ma' l-E. T. xogħol kollettiv li sar minn żgħażagħ attivi fid-Djoċesi, impenjati sabiex jipproġettaw it-tamiet u xewqat tagħhom għar-rigward ta' żwieġ u familja. Huma ddiskutew il-punti ewlenin tad-dokument konsultattiv dwar iż-żwieġ u l-familja li jiġbor flimkien il-ħsibijiet u l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ involuti fl-għaqdiet.

Iż-żgħażagħ urew l-apprezzament tagħhom għaliex dan l-eżerċizzju ta' vuċi żagħżugħa qiegħed iħalli l-frott tiegħu f'dibattitu nazzjonali dwar suġġetti ta' interess nazzjonali bħal ma huma l-familja. L-E.T. ta l-inkoraġġiment tiegħu għal mod kif iż-żgħażagħ qegħdin jipparteċipaw fis-soċjeta ċivili. Huwa żied jgħid li kull dibattitu nazzjonali dwar il-familja għandu jkollu fil-qalba tiegħu l-istabbilita` u l-protezzjoni tat-tfal, li huma l-aktar membri f'pożizzjoni dgħajfa fis-soċjeta tagħna.

L-E.T. Dr. George Ablea qal li huwa jħares il-quddiem lejn forum li ser ikun organizzat mill-KDŻ f'Ottubru li ġej sabiex ikunu diskussi realtajiet soċjali relatati mal-Faqar, u qal li dan hu suġġett li jorbot mill-qrib ma' dak tal-Familja, u li għalhekk għandhom ikunu diskussi aktar spiss miż-żgħażagħ.